# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 12 ta' Lulju, 2023.**

**Numru 31**

**Rikors numru 43/12/1 SM**

**Rose Deguara mart Saviour, Christopher Deguara, Valerie Deguara, xebba, u Mario Mercieca**

**v.**

**Anthony Camilleri, Clotilde Camilleri xebba, skont digriet datat it-12 ta' April, 2016, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Philip Cilia f'ismu proprju u bħala prokuratur speċjali tal-imsiefra Mary Rose Vella, Vincenza sive Censina Brincat, Catherine Cilia, Victor Cilia u Lino Cilia *stante* il-mewt ta' Clotilde Camilleri, Maria Agnese sive Agnes Seguna armla ta' Emanuel, skont digriet datat it-12 ta' April, 2016, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Anthony Camilleri stante l-mewt ta' Maria Agnese sive Agnes Seguna armla ta' Emanuel (u skont verbal datat 17 ta' Jannar, 2013, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Anthony Camilleri stante il-mewt ta' Carmen Mifsud)**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Ottubru, 2016 (minn issa 'l hemm imsejħa "s-

sentenza appellata"), li biha u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, ċaħdet it-talbiet tagħhom bl-ispejjeż kontrihom;

2. L-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha billi għamlet il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

"*Ikkunsidrat:*

*9.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:*

*9.1. Illi l-procedura in dizamina hi naxxenti mill-eredita` ta' Edward Camilleri li miet armel fit-2 ta' Lulju, 2010, supersiti ta' martu Josephine, (ara foll 18), li mietet tlett (3) snin qablu fis-19 t'Awwissu, 2007, (ara foll 22);*

*9.2. Illi l-partijiet f'din il-procedura huma lkoll qraba tal-imsemmijin Edward u Josephine konjugi Camilleri:*

*9.2.1. Ir-rikorrenti: huma qraba ta' Josephine Camilleri;*

*9.2.2. L-intimati: huma qraba ta' Edward Camilleri;*

*9.3. Illi l-imsemmija Edward u Josephine Camilleri irregolaw il-wirt taghhom permezz ta' testment "unica charta" datat it-3 ta' Dicembru, 2001, in atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar, (ara foll 6);*

*9.4. Illi s-suddett testment indikat fil-paragrafu precedenti kien effettivament l-ahhar testment maghmul mill-imsemmi Edward Camilleri, (ara foll 19 u 21);*

*9.5. Illi fit-termini tal-imsemmi testment datat it-3 ta' Dicembru, 2001, l-imsemmi Edward Camilleri jirrizulta li wiret lil martu Josephine stante li mietet qabblu, (ara foll 18 u foll 22);*

*9.6. Illi in vista tal-premess, permezz tal-procedura odjerna:*

*9.6.1. Ir-rikorrenti qed jitolbu li jigu dikjarati li huma il-vera werrieta ta' Edward Camilleri;*

*9.6.2. L-intimati qed jirrispondu li minflok, huma ghandhom jigu dikjarati bhala l-unici eredi tal-istess Edward Camilleri;*

*Ikkunsidrat:*

*10. Illi hu ghaqli li f'dan l-istadju jigi sottolineat dak stabbilit mill-**Prim' Awla tal-Qorti Civili** fil-kawza fl-ismijiet **Grima et vs. Borg**, datata s-**16 ta' Mejju, 1961**, li tghid:*

> *"... meta disposizzjoni testamentarja li ghandha tigi interpretata hija maghmula f'termini cari u li ma joffrux ruhhom ghal xi ambigwità, mhux lecitu ghal hadd li jaltera dawk it-termini bl-intromissjoni tax-xoghol tal-gudizzju tieghu";*

*11. Illi di più, issir ukoll referenza ghas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell**, datata l-**31 ta' Mejju, 2002**, fl-ismijiet **Connie mart Anthony Galea et vs. Joseph Gauci et**, ipprezentata mill-istess rikorrenti annessa mal-istess nota ta' sottomissjonijiet taghhom, (ara foll 197), liema sentenza tghid is-segwenti:*

> *"... dwar is-supremazija tal-volontà tat-testatur, l-ezercizzju li effettivament irid jigi kondott mill-qorti bhala parti minn din it-tfittxija tal-volontà vera tattestatur m'ghandu qatt isir b'mod li l-fatti cirkostanzjali jew konkomitanti rigwardanti t-testatur jithallew jippredominaw kwazi ghal kollox fuq dak li jkun jinsab imnizzel fit-testment.... (ara foll 204)*
>
> *Huwa minnu li bhala norma meta l-kliem f'testment jew f'kuntratt, xi jkun, ikun car u inekwivoku mhuwiex lecitu li dan jigi sostitwit bl-intruzjoni ta' fatti cirkostanzjali", (ara foll 205);*

*12. Illi fid-dawl tal-insenjamenti fuq riferiti l-obbligu ewlieni ta' din il-qorti hu, qabel xejn, dak li thares lejn il-kliem testwali tat-testment biex tistabbilixxi jekk dawn humiex cari jew minflok refrattarji;*

*Ikkunsidrat:*

*13. Illi ezami lingwistiku, logiku u strutturali tat-testment "unica charta" in dizamina, (ara foll 6), juri li l-istess testment hu verament wiehed redatt b'mod car u univoku;*

*14. Illi konsegwentement japplika l-principju Latin antik li: "ubii nulla ambiguitas verborum est faciende voluntatus questio"*

*15. Illi konsegwentement, la jirrizulta li fit-testment in dizamina ma hemm l-ebda ambigwità, la lingwistika, la logika u lanqas strutturali, ma hemmx lok ta' indagini ulterjuri biex tigi kjarifikata l-volontà tat-testaturi in dizamina;*

*16. Illi ghalhekk fl-apprendiment tal-istess testment ghandu japplika unikament is-sens normali tal-kliem hemm uzat kif komunement mifhum u uzat mill-generalità tal-pubbliku;*

*Ikkunsidrat:*

*17.0. Illi permezz tat-testment "unica charta" in dizamina t-testaturi fuq riferiti ddeterminaw sintetikament is-segwenti:*

*17.1. Illi hassru u rrevokaw kwalunkwe testment li setghu precedentement ghamlu, (ara foll 6);*

*17.2. Illi nnominaw u istitwew lis-superstiti fosthom bhala eredi universali u padrun assolut tal-gid kollu taghhom, (ara foll 6);*
*17.3. Illi di più, taw ukoll il-fakultà lil xulxin li jiddisponu mill-istess gid li hekk jghaddi ghand is-superstiti kif jidhrilhom l-istess superstiti, (ara foll 7);*

*17.4. Illi di più, ippostulaw ukoll li fl-eventwalità li jmutu flimkien u fl-istess hin, iddeterminaw is-segwenti:*

*17.4.1. Illi l-eredi universali jkunu Rose, Christopher u Valerie, ilkoll Deguara, (ara foll 7);*

*17.4.2. Illi ihallu wkoll is-somma ta' Lm15,000.00 lil Mario Mercieca, (ara foll 7);*

*17.5. Illi bhala legat, ihallu in piena proprjetà id-deheb tat-testatrici lil Valerie Deguara, (ara foll 7);*

*Ikkunsidrat:*

*18. Illi jirrizulta li r-rikorrenti Valerie Deguara, legatarja kif indikat fil-paragrafu precedenti, effettivament inghatat id-deheb tat-testatrici ai termini tal-istess testment in dizamina, (ara foll 93);*
*Ikkunsidrat:*

*19. Illi in effetti jirrizulta assodat li l-kliem uzat fit-testment "unica charta" in dizamina hu kliem car, univoku, mhux ambigwu u ma jhalli l-ebda lok ghall-interpretazzjoni differenti minn dak hemm komunement intiz;*

*20. Illi fl-opinjoni tal-qorti l-kliem uzat allura hu effettivament car bizzejjed biex jinftiehem inekwivokabbilment, u b'hekk din il-qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li tifhem kif hemm intiz, bhala l-espressjoni cara tax-xewqat tat-testaturi fir-rigward;*

*Ikkunsidrat:*

*21. Illi in vista tal-istess, ir-raba' (4) u l-hames (5) klawsola hemm estizi, (ara foll 7), ma jirrizultax li fil-fatt dahhlu fis-sehh stante li l-kondizzjoni determinanti hemm indikata biex jidhlu hekk fis-sehh dawn il-klawsoli – dik li t-testaturi jmutu flimkien u fl-istess hin – m'avveratx ruha;*

*22. Illi senjatament, huwa abbundantement car li l-kondizzjoni li t-testaturi jmutu flimkien fl-istess hin ma rrizultatx li avverat ruhha stante li fic-certifikat tal-mewt tat-testatur Edward Camilleri li miet fit-2 ta' Lulju, 2010, hu gie gia` hemm indikat bhala "armel" minn martu Giuseppa (Josephine) Camilleri nee` Mamo, (ara foll 18), u dan, stante li l-istess Josephine kienet fil-fatt mietet fid-19 t'Awwissu, 2007, (ara foll 22);*

*Ikkunsidrat:*

*23. Illi f'dan ir-rigward issir riferenza ghall-artiklu 745 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula s-segwenti:*

> *"(1) Disposizzjoni ta' testment tibqa' minghajr effett jekk il-persuna li favur taghha tkun saret tmut qabel it-testatur;*
>
> *(2) Izda, id-dixxendenti tal-werriet jew tal-legatarju jidhlu minfloku fil-wirt jew fil-legat kull meta, kieku s-successjoni kienet ab intestato, kien ikollhom il-jedd tarrapprezentazzjoni, barra minn meta t-testatur ikun iddispona xort'ohra, jew il-legat ikun ta' uzufrutt, uzu, jew abitazzjoni, jew ta' jedd iehor minnu nnifsu personali";*

*Ikkunsidrat:*

*24.0. Illi fid-dawl tas-suespost, il-fatti li jirrizultaw mill-analizi tax-xhieda u dokumentazzjoni prodotta jistghu jigu elenkati bil-mod segwenti:*

*24.1. Illi l-ko-testatrici Josephine Camilleri qatt ma wirtet lil zewgha Edward Camilleri;*

*24.2. Illi l-fatt riskontrat u elenkat fil-paragrafu precedenti hu rizultat tal-fatt li l-istess Josephine effettivament ipprecediet lil zewgha u mietet qabel l-imsemmi Edward, (ara foll 18 u 22);*

*24.3. Illi konsegwenza diretta tal-istess trapass precedenti ghal dak ta' zewgha d-disposizzjoni indikata fl-artiklu 745(2) tal-Kap 16 fuq riferit qatt ma skattat;*

*24.4. Illi mill-klawsola numru 2 tat-testment in dizamina jirrizulta assodat li l-konjugi Camilleri riedu u espressament stipulaw li l-konjugi li jibqa` superstiti minnhom jiret lil dak li jmut l-ewwel;*

*24.5. Illi tenut kont tal-fatt li Josephine Camillleri mietet qabel zewgha Edward, allura hu dan tal-ahhar li jirrizulta li kien l-uniku eredi tal-gid tal-konjugi, u dan, stante li l-istess martu mietet tlett (3) snin qabblu, (ara foll 22);*

*Ikkunsidrat:*

*25. Illi di più, ghandu jkun pacifiku wkoll li r-raba' (4) u l-hames (5) klawsoli tat-testment de quo kienu jiskattaw biss fl-eventwalità li t-testaturi jmutu flimkien u fl-istess hin, (ara foll 7);*

*26. Illi ghar-raguni fuq già esposta din il-kundizzjoni m'avveratx ruhha u konsegwentement, l-effetti naxxenti mill-istess ma jistghawx jiskattaw favur ir-rikorrenti kif qed jippretendu;*

*Ikkunsidrat:*

*27. Illi jigi sottolineat f'dan l-istadju li t-testment "unica charta" in dizamina jonqos milli jirregola x'kellu jigri mill-gid tas-superstiti fosthom – f'dan il-kaz tad-decuis Edward Camilleri;*

*Ikkunsidrat:*

*28. Illi f'dan ir-rigward issa ssir referenza ghall-artiklu 812 tal-Kap 16 tal-istess Ligijiet fuq indikati li jistipula s-segwenti:*

*"Meta l-mejjet ma jhalli warajh ebda tfal jew dixxendenti ohra, lanqas lil martu jew zewgha, il-wirt jghaddi:*

*(a) jekk ikun hemm axxendent jew axxendenti u ma jkunx hemm qraba kollaterali diretti: ghall-eqreb axxendent jew axxendenti;*

*(b) jekk ikun hemm axxendent jew axxendenti u qraba kollaterali diretti: nofs ghall-eqreb axxendent jew axxendenti u n-nofs l-iehor ghall-qraba kollaterali diretti;*

*(c) jekk ma jkun hemm ebda axxendent jew axxendenti izda jkun hemm qraba kollaterali diretti: għall-qraba kollaterali diretti; u*

*(d) jekk la jkun hemm axxendent jew axxendenti u lanqas qraba kollaterali diretti: ghall-eqreb qarib kollaterali tkun liema tkun il-linja li fiha jkun jinsab dak il-qarib kollaterali";*

*Ikkunsidrat:*

*29. Illi l-artiklu 813 tal-istess Kap indikat fil-paragrafu precedenti li hu komplimentari ma' dak precedenti, jkompli jikkjarifika ssitwazzjoni in dizamina billi jistipula dettaljatament is-segwenti:*

*"(1) Ghall-fini tal-artiklu 812, qraba kollaterali diretti jfissru ahwa subien u bniet, sew jekk ikunu ahwa sewwa kemm jekk ikunu ahwa mill-missier u mill-omm biss jew addottati, u dixxendenti tal-ahwa subien u bniet li jkunu mietu qabel, sew jekk ikunu ahwa sewwa kemm jekk ikunu ahwa mill-missier jew mill-omm biss;*

*"(2) L-ahwa subien u bniet jirtu per capita u d-dixxendenti taghhom per stirpes skont l-artikli 804 u 805";*

*Ikkunsidrat:*

*30. Illi in vista tal-artikli 812 u 813 tal-Kap 16 fuq riprodotti, u fid-dawl tar-rizultanzi fattwali fuq elenkati, ghandu jkun pacifiku li l-unici werrieta ta' Edward Camilleri in dizamina huma effettivament l-intimati u mhux ir-rikorrenti;*

*31. Illi di più, stante li jirrizulta wkoll debitament assodat li l-kundizzjoni imposta mit-testaturi li jekk imutu flimkien u fl-istess hin ihallu Lm15,000.00 in piena proprjetà lir-rikorrenti Mario Mercieca ma avveratx ruhha, dan l-ammont hekk hawn indikat ghalhekk ma jirrizultax dovut lill-istess Mario Mercieca stante li l-kundizzjoni skattanti in dizamina ma sehhitx;*

*Ikkunsidrat:*

*32.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti tqis li r-rikorrenti ma pprovawx il-kaz taghhom skont il-ligi .. ..*";

3. L-atturi (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellanti") ħassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza u b'rikors tal-appell li ressqu fil-15 ta' Novembru, 2016, u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbu lil din il-Qorti sabiex tħassarha għal kollox u, minflok, *"takkolji t-talbiet attriċi u għalhekk tirrespinġi l-eċċezzjonijiet li ngħataw mill-appellati, bl-ispejjeż"*;

4. L-imħarrkin (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellati") laqgħu għall-appell billi, għar-raġunijiet imfissra fir-risposti mressqa minnhom fid-9 ta' Diċembru, 2016, u fit-12 ta' Diċembru, 2016, rispettivament, qalu li s-sentenza appellata hija waħda tajba u jistħoqqilha konferma. Fiż-żewġ risposti rispettivi, l-appellati talbu wkoll lil din il-Qorti tikkundanna lill-appellanti sabiex iħallsu l-ispejjeż għal darbtejn u dan għar-raġuni li l-appell huwa fieragħ u vessatorju;

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

6. Rat l-atti kollha tal-kawża, magħduda n-nota ta' referenzi li tressqet mill-appellanti fil-11 ta' Jannar, 2022;

7. Rat li l-appell tħalla għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

8. B'din l-azzjoni l-appellanti, ħlief għal Mario Mercieca, qegħdin ifittxu lill-appellati sabiex iroddulhom lura l-ġid kollu mill-wirt li ħalla warajh Edward Camilleri li miet fit-2 ta' Lulju, 2010. Edward Camilleri kien armel ta' Josephine li mietet tliet snin qablu. Filwaqt li l-appellanti huma qraba tal-imsemmija Josephine Camilleri, l-appellati huma qraba tas-superstiti Edward Camilleri. Il-miżżewġin Camilleri ma kellhomx ulied, u għalhekk inqalgħet il-kwistjoni tal-wirtijiet tagħhom bejn il-partijiet f'din il-kawża. Il-pretensjoni tal-appellanti tissejjes fuq il-premessa li t-testaturi Edward Camilleri u martu Josephine Camilleri riedu li, wara mewthom, il-ġid ta' min jibqa' ħaj l-aħħar minnhom jintiret mill-appellanti li ssemmew fit-testment *unica charta* li sar fit-3 ta' Diċembru, 2001, fl-atti tan-nutar Dottor Pierre Cassar[1];

---

[1] Ara r-raba' premessa tar-rikors maħluf, f'paġ. 3 tal-proċess.

9. Min-naħa tiegħu, l-appellant Mario Mercieca qiegħed ifittex lill-appellati għas-'sehem' ta' ħamsa u tletin elf ewro (€35,000), li qed jippretendi li tħalla lilu bħala legat fl-istess testment li minnu qed jitnisslu l-pretensjonijiet tal-bqija tal-appellanti;

10. L-ilment ewlieni li qed jitressaq issa f'dan l-appell huwa fis-sens li bil-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li 'ma hemm l-ebda ambigwità, la lingwistika, la loġika u lanqas strutturali' fit-testment mertu tal-kawża, dik il-Qorti warrbet għal kollox 'ir-riċerka bażika li ntalbet tagħmel', u ċioè li tqis jekk b'dak l-istess testment tat-3 ta' Diċembru, 2001, Edward Camilleri riedx tassew ifisser li ried imut intestat jew inkella riedx iħalli lill-appellanti bħala l-uniċi werrieta tiegħu. L-appellanti jgħidu wkoll li l-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti għall-konklużjoni li Edward Camilleri 'ried imut intestat', u dan skont 'eżami lingwistiku, loġiku u strutturali' tat-testment joħolqu "*perplessità legali u fattwali*";

11. L-appellanti jressqu bosta raġunijiet sabiex ifissru għalfejn l-ilment tagħhom huwa siewi. F'dik tal-ewwel, l-appellanti jargumentaw li l-Ewwel Qorti fehmet ħażin il-prinċipji ġurisprudenzjali dwar l-interpretazzjoni tat-testmenti. F'dan is-sens, l-appellanti jisħqu li x-xewqa tat-testatur għandha tipprevali fuq il-kliem tat-testment u dan anke meta l-kliem tat-testment ikun ċar. Skont l-appellanti, l-klawsoli ta' testment ma jistgħux

jitfissru b'mod letterali, iżda għandhom jitqiesu fil-kuntest kollu tat-testment u dejjem skond il-fehma tat-testatur. L-appellanti mbagħad jgħaddu biex jagħmlu referenza għar-raba' Artikolu tat-testment, u jargumentaw li mhuwiex 'loġiku' li t-testaturi nnominaw lilhom bħala l-werrieta tagħhom f'każ biss li "jmutu t-tnejn fl-istess ħin", u li huma ma kellhom jirtu xejn f'każ li din il-kundizzjoni ma sseħħx. F'dan ir-rigward, u sabiex isaħħu l-verżjoni tagħhom li t-testatur Edward Camilleri ma xtaqx imut intestat u jintiret mill-appellati, l-appellanti jirreferu għax-xhieda tan-nutar Pierre Cassar li fiha qal li jiftakar lil Edward Camilleri jgħidlu li huwa ma ried iħalli xejn lill-familjari tiegħu. Isemmu wkoll li d-deheb tat-testatriċi Josephine Camilleri tħalla b'legat lill-appellanta Valerie Deguara u li dan id-deheb fil-fatt kien mgħoddi lilha. Jirreferu wkoll għall-fatt li, fil-ħames Artikolu tat-testment *unica charta* tagħhom, it-testaturi ħallew legat lill-appellant Mario Mercieca, u dan ukoll f'każ li "*jmutu t-tnejn fl-istess ħin*". Fuq is-saħħa ta' hekk jargumentaw li f'dak it-testment, it-testaturi Camilleri mank biss għamlu xi referenza waħda għall-appellati, li spiċċaw wirtu l-ġid kollu ta' Edward Camilleri *ab intestato*. Fl-aħħarnett, l-appellanti jgħidu wkoll li t-testaturi lanqas ma ħassew il-ħtieġa li jipprovdu li min jibqa' ħaj l-aħħar ikun jista' jibdel jew iċaqlaq minn dak li ddisponew flimkien;

12. Wara li qieset sewwa l-argumenti tal-appellanti u dan kemm fil-kuntest tas-sentenza appellata, kif ukoll fid-dawl tal-provi kollha li tressqu

quddiem l-Ewwel Qorti, u b'mod partikolari l-kopja tat-testment li minnu tnisslet din it-tilwima, din il-Qorti jidrilha li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija ġusta u m'għandhiex tintmess. Il-Qorti qed tgħid hekk għal bosta raġunijiet, li ser jinstiltu fil-paragrafi li jmiss;

13. Għal dak li jirrigwarda l-kunsiderazzjonijiet ta' xejra legali li jolqtu l-qalba ta' din it-tilwima, il-Qorti tibda biex tgħid li ma taqbilx mal-appellanti li l-Ewwel Qorti applikat b'mod ħażin il-prinċipji ġurisprudenzjali dwar l-interpretazzjoni tat-testmenti. Huwa prinċipju li ilu stabbilit mid-Dritt Ruman[2] sa minn żmien twil ilu, li meta l-kliem li jitniżżel f'testment huwa ċar, dak il-kliem irid jingħata tifsira 'letterali' u jitwettaq daqslikieku kien il-'liġi li t-testatur ried jimponi'[3]. F'ċirkustanzi bħal dawn, il-kliem ċar ma jistax jingħata tifsira aktar wiesa' jew inkella aktar dejqa[4]. L-istess prinċipji jgħoddu bla mittiefes anke f'dawk il-każijiet fejn issir allegazzjoni bejn il-fehma vera tat-testatur u l-kliem minnu wżat fit-testment li jkun imfassal b'mod ċar u mhux ambigwu[5]. Il-ħsieb wara dan kollu huwa li meta l-kliem tat-testment ikun imniżżel b'mod ċar, ir-rieda tat-testatur hija dik li tirriżulta mill-att tat-testment stess u għaldaqstant f'ċirkustanzi bħal dawn

---

[2] Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil kawża fl-ismijiet ta' ***Andrew Buhagiar noe. v. Carmela Mifsud,*** konfermata minn din il-Qorti fil-**24 ta' Mejju, 2015** (Rik. 339/2009/1)

[3] Ara f'dan is-sens is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Philip Said et. v. Andreana Galea pro. et. noe.***, deċiża minn din il-Qorti fis-**27 ta' Mejju, 2016** (App. Ċiv. 168/2010/1).

[4] Fis-sentenza fl-ismijiet ta' ***Carmelina Mifsud et. v. Matilde Pullicino et.*** deċiża fit-**13 ta' Ġunju, 1888**, intqal li: *"Ove le parole del testamento siano per se stesse chiare, non è lecito con prove estrinsiche restringere o ampliarne il senso; la disposizione deve restare quella che le parole del testamento importino",* (Kollez. Vol. **XI p. 633**).

[5] Ara f'dan is-sens is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Dr. Joseph Zammit Tabona pro. et. noe. v. Professur John Joseph Cremona et.***, deċiża minn din il-Qorti fl-**1 ta' Ġunju, 2007**, (App. Ċiv. 1217/1999/1).

m'huwiex mogħti li ssir riferenza għal xi provi lil hinn mit-testment innifsu[6]. Sentenza partikolari li fiha tfisser dan kollu b'mod ċar ħafna kienet dik fl-ismijiet ta' ***Maryrose Mifsud v. Av. Dr. Joseph Bartolo noe.***[7], u li fiha din il-Qorti kienet qalet hekk:

> "*Il-volontà tat-testatur hija dik li tirriżulta mill-att innifsu u b'rispett lejn dan il-prinċipju kemm l-awturi kif ukoll l-ġurisprudenza dejjem irritenew li mhux leġittimu li tingħata interpretazzjoni ta' dak li xtaq it-testatur billi tali interpretazzjoni tista' tgħawweġ dak li fil-verità ried it-testatur u b'hekk tmur kontra dik il-volontà proprja hekk kif tirriżulta mill-qari tad-dispożizzjoni testamentarja. Jekk id-dispożizzjoni testamentarja hija ċara, għandha tingħata effett*."

14. Bi tħaddim ta' dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum, din il-Qorti żgur li ma tistax tlum lill-Ewwel Qorti meta qieset li l-ewwel u qabel kollox kellha tħares lejn it-testment tat-3 ta' Diċembru, 2001, u dan sabiex tistħarreġ jekk il-kliem li ntuża f'dak it-testment kienx ċar biżżejjed[8]. Daqstant ieħor din il-Qorti ma ssib xejn ħażin fir-raġunament tal-Ewwel Qorti li, ladarba dehrilha li t-testment tat-3 ta' Diċembru, 2001, kien ċar u mhux ambigwu, allura ma kien hemm l-ebda lok għal *"indaġni ulterjuri biex tiġi kjarifikata l-volontà tat-testaturi in diżamina*"[9];

15. Hekk ukoll il-Qorti lanqas ma ssib xejn x'tiċċensura fil-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li t-testment li minnu tnisslet din it-tilwima huwa *"redatt b'mod ċar u univoku"* u li t-testaturi naqsu milli jirregolaw x'kellu jiġri mill-

---

[6] Ara f'dan is-sens is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Angela Debattista et. v. Joanne Debattista et.***, konfermata minn din il-Qorti fis-**6 ta' Ottubru, 2020**, (App. Ċiv. 908/2010/1)
[7] App.Ċiv. 2175/1997/1, deċiża minn din il-Qorti fis-**16 ta' April, 2004**.
[8] § 12 tas-sentenza appellata
[9] § 15 tas-sentenza appellata

ġid tas-superstiti. Minn qari tat-tieni Artikolu tat-testment, u dan fil-kuntest tal-bqija tal-klawsoli l-oħra, huwa bil-wisq ċar li x-xewqa ewlenija tat-testaturi kienet dik li jħallu lil xulxin bħala l-werriet universali tagħhom stess u li min jibqa' ħaj l-aħħar minnhom jieħu kollox. Minn kliem l-istess artikolu, jirriżulta wkoll li s-skiet tat-testaturi dwar x'kellu jiġri mill-ġid kollu ta' min kellu jmut l-aħħar minnhom, ma kienx dovut għal xi '*lapsus'* tal-istess testaturi, iżda sar bi ħsieb, tant li t-testaturi speċifikatament niżżlu li s-superstiti kellu jkollu l-***"piena fakultà li jiddisponi kif jidhirlu mill-ġid hekk kif mirut***"[10]. L-istess jingħad għall-artikoli erbgħa u ħamsa fejn jissemmew l-appellanti. Minn qari ta' dawn l-artikoli, jidher ċar li t-testaturi riedu li dawn l-artikoli jiskattaw <u>biss</u> ***"[f]'kas li t-testaturi jmutu t-tnejn fl-istess ħin",*** u ċioè f'każ li t-tieni Artikolu tat-testment ma jkunx jista' jingħata effett. Li kieku t-testaturi riedu jħallu lill-appellanti bħala l-werrieta tagħhom b'mod assolut, it-testaturi kienu jfasslu dawn il-klawsoli bl-istess mod li kitbu l-Artikolu tlieta[11], u ma kinux ser jikkwalifikaw dawk l-artikoli bil-kundizzjoni speċifika ta': *"[f]'kas li t-testaturi jmutu t-tnejn fl-istess ħin"*;

16. F'kuntest bħal dan, il-Qorti ma tarax kif ir-raba' u l-ħames artikoli tat-testment jistgħu b'xi mod jew ieħor jinftiehmu bil-mod ta' kif qed jippretendu l-appellanti, u ċioè li t-testaturi riedu jfissru li s-superstiti kellu jintiret mill-appellanti. Li kieku l-Qorti kellha taċċetta interpretazzjoni bħal

---

[10]Ara t-testment tat-3 ta' Diċembru, 2001, fol. 6-7.
[11] Fl-Artikolu 3 tat-testment, it-testaturi ħallew legat lil Valerie Deguara li tfassal ħieles minn kull kundizzjoni

din, tkun qiegħda mhux biss ixxejjen il-kundizzjoni ewlenija li biha ġew kwalifikati ir-raba' u l-ħames artikoli tat-testment, iżda saħansitra tkun qed tmur kontra t-tieni Artikolu tat-testment, li fih it-testaturi wrew ix-xewqa li s-superstiti, bħala l-werriet universali tal-premort, kien fadallu l-jedd *"li jiddisponi kif jidhirlu mill-ġid hekk kif mirut"*. Dak li jridu l-appellanti huwa għalhekk li t-testment jingħata tifsira li ma tirriżultax u lanqas ma toħroġ minnu. Naturalment, ħaġa bħal din mhijiex permessa, aktar u aktar meta t-testment in kwistjoni huwa miktub b'mod daqstant ċar;

17. Hekk ukoll hija ta' xejn l-insistenza tal-appellanti li l-kliem tat-testment tat-3 ta' Diċembru, 2001, ma jirriflettix sewwa x-xewqa tal-mejjet Edward Camilleri. Ġaladarba li din il-Qorti qed taqbel mal-Ewwel Qorti li l-kliem li ntuża fit-testment tat-3 ta' Diċembru, 2001, mhuwiex ambigwu, din il-Qorti ma tistax tħares lil hemm mill-kontenut tat-testment innifsu u tqis provi oħrajn. Kif diġà ntqal, f'ċirkustanzi bħal dawn, ir-rieda tat-testatur hija meqjusa li kienet dik li ġiet espressa minnu fit-testment, u xejn aktar. Jgħodd ukoll sewwa dak li jgħid l-awtur Anthony R. Mellows, li: *"if one looks outside the will, the requirement that a will must be in writing is seriously threatened"* u *"the requirement for a will to be in writing could then be made an empty formality*"[12];

---

[12] Mellows A.R., '*The Law of Succession*', London, 1977, p. 148.

18. Marbut sfiq ma' dan, huwa għalhekk kollu ta' xejn li l-appellanti qed jagħmlu referenza għax-xhieda tan-nutar Pierre Cassar sabiex jippruvaw isostnu l-argument tagħhom li l-mejjet Edward Camilleri ma riedx iħalli lill-appellati bħala l-werrieta tiegħu, u li r-rieda ta' dan u ta' martu kienet li l-appellanti kellhom ikunu huma l-werrieta ta' dak li kellu jmut l-aħħar minnhom. Kemm hu hekk, f'każ ieħor li l-Qorti kienet qed tinterpreta testment, u fih l-appellanti kienu wkoll għamlu referenza għax-xhieda tan-nutar li quddiemu sar it-testment sabiex jippruvaw juru li r-rieda tat-testatur kienet differenti minn dak li ġie mniżżel fit-testment, din il-Qorti kienet sewwasew osservat li:

> "*Ix-xiehda li fuqha tistrieħ l-attriċi kien forsi jkollha xi relevanza bħala għajnuna għall-interpretazzjoni tar-rieda tat-testatriċi li kieku l-kliem tat-testment ma kienx ċar jew kien ambigwu iżda, kif sewwa qalet l-ewwel qorti, jekk il-kliem tat-testment huwa ċar ma għandhiex tinġieb xiehda aliunde, minn barra t-testment, bħala għajnuna għall-interpretazzjoni, appuntu għax, meta l-kliem huwa ċar, ma hijiex meħtieġa għajnuna għall-interpretazzjoni. Dan joħroġ ukoll mill-art. 683 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid illi "kull disposizzjoni ta' testment ... ... ... għandha effett, basta li tkun imfissra b'mod li l-volontà tat-testatur tista' tiġi magħrufa", li jfisser illi r-rieda tat-testatur trid toħroġ mit-testment u minn ebda xiehda oħra barra t-testment*"[13];

19. Lil hemm minn dan, anke jekk, għall-grazzja tal-argument, il-Qorti kellha għall-mument tieħu qies tax-xhieda tan-nutar Cassar u temmen lill-istess nutar meta jgħid li kien jaf lil Edward Camilleri fil-kors tal-ħajja tiegħu u li dan kien bosta drabi jtennilu li kien dispjaċut bir-relazzjonijiet ħżiena li kellu ma' ħutu u li ma ried iħallilhom xejn[14], dan il-fatt waħdu

[13] Silta meħudu mis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta': ***Andrew Buhagiar noe. v. Carmela Mifsud et.***, deċiża minn din il-Qorti fil-**24 ta' April, 2015**. (App. Ċiv. 339/2009/1).
[14] Xhieda tan-Nutar Pierre Cassar f'paġ. 97 tal-proċess

m'huwiex biżżejjed biex ifisser li, bit-testment tat-3 ta' Diċembru, 2001, Edward Camilleri kien qiegħed sewwasew iħalli lill-appellanti bħala l-werrieta tiegħu. Kemm hu hekk, waqt li kien qed isirlu l-kontroeżami, in-nutar Cassar mhux biss ikkonferma li fit-testment in kwistjoni Edward Camilleri u martu kienu ħallew lilhom infushom bħala l-werrieta universali ta' xulxin, iżda saħansitra stqarr li dak it-testment inkiteb minnu stess u li *"t-tifsira tal-kliem għandha tittieħed bil-mod ordinarju tagħhom illi neħodha jiena fil-kors tal-professjoni tiegħi"*[15]. Fuq kollox, f'kontroeżami ieħor li sar fis-seduta tas-17 ta' Frar, 2015, l-istess nutar stqarr li huwa stess kien wasal għall-konklużjoni li l-werrieta ta' Edward Camilleri kienu "*l-familja Camilleri*" għaliex "*jekk wieħed jinterpreta t-testment li għamel bir-rieda t-testatur wieħed jasal għal din il-konklużjoni*"[16];

20. Bla dubju ta' xejn, it-tifsira ordinarja tal-kliem tat-testment tat-3 ta' Diċembru, 2001, hija fis-sens li l-appellanti kellhom jirtu lit-testaturi Camilleri, f'każ biss, li dawn "*imutu t-tnejn fl-istess ħin*". Ġaladarba li din il-kundizzjoni ma seħħitx għaliex it-testaturi ma ġewx nieqsa fl-istess żmien, u fin-nuqqas ta' klawsola oħra li tirregola dwar x'kellu jiġri mill-ġid tas-superstiti, jew ta' testment ieħor li bih Edward Camilleri ħatarhom bħala l-werrieta tiegħu, l-appellanti ma jistgħu qatt jippretendu li huma l-werrieta tas-superstiti Edward Camilleri;

[15] *Ibid* f'paġ. 98
[16] Xhieda tan-Nutar Cassar fil-kontroeżami f'paġ. 160 tal-proċess

21. Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti qed issib li l-appell tal-atturi mhuwiex mistħoqq u għalhekk ser ikun qed jiġi miċħud;

22. Peress li l-Qorti taqbel mal-appellati li l-ilmenti li tressqu f'dan l-appell huma fiergħa, l-Qorti ser tkun ukoll qed tipprovdi għal dan fil-kap tal-ispejjeż;

***Decide:***

23. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **tiċħad l-appell** u b'hekk qed tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Ottubru, 2016, fil-kawża fl-ismijiet premessi u dan għal kollox.

L-ispejjeż kollha marbuta mal-appell għandhom jagħmlu tajjeb għalihom l-atturi appellanti, u billi l-Qorti hija tal-fehma li l-appell huwa fieragħ, wara li rat l-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda tikkundanna lill-atturi jħallsu l-ispejjeż għal darbtejn.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur<br>da